MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Numru. 143/2002

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)
vs
Karl Stivala, Ludvic Cassar, Jack Walker u
Jonathan Borg

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija Jack Walker u Jonathan Borg, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli
Lil Karl Stivala, Jack Walker u Jonathan Borg talli :

F’Paceville limiti ta’ San Giljan nhar is-26 ta’ Jannar, 2002 ghall-habta tas-1.15a.m. ikkommettew serq ta’ somma flus ta’ madwar LM450 mill-fond Mongolian Barbeque Restaurant sitwat fi Triq  Wilga, liema serq huwa kkwalfikat bil-vjolenza, mezz, valur u hin u li sar ghad-detriment tal-propjetarji ta’ l-istess fond;

U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil diversi impjegati ta’ l-istess Restaurant kontra l-volonta taghhom;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta’ serq, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Lil Karl Stivala u lil Jonathan Borg wehedhom talli :

Fis-Swieqi nhar is-7 ta’ Frar, 2002 ghall-habta tas-6.55p.m. ikkommetta serq ta’ somma flus ta’ madwar LM300, u kif ukoll oggetti ohra mill-ispizerija bl-isem “Penny Lane Pharmacy” sitwata fi Triq is-Sejjiegh, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenz, mezz, valur u hin u li sar ghad-detriment ta’ Claudia Bugeja;

U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-istess Claudia Bugeja kontra l-volonta taghha;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta’ serq kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazjzoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Lil Karl Stivala flimkien ma Ludvic Cassar talli :

F’San Giljan nhar it-18 ta’ Frar, 2002 ghall-habta tas-2.30a.m. ikkommettew serq ta’ somma flus ta’ madwar LM300 mill-“Mire-Mare Hotel” sitwata fi Triq il-Kbira, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur u hin, u li sar ghad-detriment tal-propetarji ta’ l-istess fond u persuni ohra;

U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Carl Zahra u lil George Fenech kontra l-volonta taghhom;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta' serq, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

Lil Karl Stivala wahdtu talli :

F'Tas-Sliema, nhar l-4 ta' Frar, 2002 ghall-habta ta' l-5.15p.m. ikkommetta serq ta' somma flus ta' LM125 mill-ispizerija li ggib l-isem ta' "Samuel's Pharmacy" sitwata fi Triq Depiro, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur u hin u li sar ghad-detriment tal-propjetarji ta' l-istess spizerja u persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija bla ordni skond il-ligi ta' l-awotirita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jaresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Karl Demarco u Dolores Rose Mifsud kontra l-volonta taghhom;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

U aktar talli fis-Swieqi, nhar it-13 ta' Frar, 2002 ghall-habta ta' 12.30p.m. ikkommetta serq ta' somma flus ta' madwar LM800 mill-Banka tal-Lottu numru 182 sitwata fi Triq il-Ktajjen, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur u li sar ghad-detriment tal-propjetarji ta' l-istess Banka tal-Lottu;

U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatment hawn fuq imsemmija bla ordni skond il-ligi

ta’ l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Daniela Vella kontra l-vonolta taghhom;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta’ serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar, jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Lil Karl Stivala, Ludvic Cassar, Jack Walker u Jonathan Borg lkoll akkuzati :

Talli fit-23 ta’ Frar, 2002 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghndhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Finalment ilkoll talli fil-perjodu fuq imsemmija, f’diversi bnadi f’dawn il-gzejjer, garrew jew zammew arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummssarju tal-Pulizija;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-22 ta’ April, 2002 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-imputat Karl Stivala biss :

(a) Fl-Artikoli 261 (a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 330, 279(a), 280, 281 u 334 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 261(a)(b)(c), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 276, 277, 278, 279(a), 281 u 334 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 2, 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kapitolu 66.
(d) Fl-Artikoli 20, 17(b), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Fil-konfront ta’ Ludvic Cassar biss :
(a) Fl-artikoli 261(a)(b)(c), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 276, 277, 278, 279(a), 281, 334, 20, 17(h), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikoli 2, 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kapitolu 66;

Rat il-verbal taghha tas-17 ta’ Mejju, 2002 li permezz tieghu ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju b’dan illi l-kaz fil-

konfront tal-imputati Karl Stivala u Ludvic Cassar kellu jinstema ghalih separatament mill-kaz kontra l-imputati Jack Walker u Jonathan Borg.

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tal-5 ta’ Awissu, 2002 li permezz taghha u fil-konfront ta’ l-imputati Jack Walker u Jonathan Borg deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fil-konfront ta’ Jack Walker biss :

(a) Fl-artikoli 261 (a) (b) (c) (f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 330, 279, 280, 284, 334 tal-Kodici Kriminali;

(b) Fl-artikoli 2, 3, 9, 19, 23, 26, 27 tal-Kapitolu 66;

(c) Fl-artikoli 20, 17, 23, 533 tal-Kodici Kriminali;

Fil-konfront ta’ Jonathan Borg biss :

(a) Fl-artikoli 261 (a) (b) (c) (f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 330, 279, 280, 281, 334 tal-Kodici Kriminali;

(b) Fl-artikoli 120, 17, 23, 533 tal-Kodici Kriminali;

(c) Fl-artikoli 2, 3, 9, 19, 23, 26 tal-Kapitolu 66;

u semghet lil Jack Walker u Jonathan Borg jiddikjaraw illi ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Ikkunsidrat:

Illi z-zewg imputati Jack Walker u Jonathan Borg ammettew l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom hlief ghall-akkuzi li jaqghu taht il-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi ghalhekk jibqa biss lil din il-Qorti sabiex tara jekk l-akkuzi illi jaqghu taht il-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta gewx ippruvati fil-konfront ta’ dawn iz-zewg imputati fuq imsemmija.

Ikkunsidrat :

Illi Karl Stivala, li kien ukoll l-imputat f’dawn il-proceduri, wara illi l-kawza giet deciza fil-konfront tieghu, ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri u ikkonferma l-istqarrijiet li kien irrilaxxja lill-pulizija u xehed illi dwar l-incident li kien jirrigwarda s-serqa minn Penny Lane Pharmacy kien hu illi

kellu fil-pussess tieghu l-arma tan-nar in kwistjoni u hadd aktar. Huwa xehed ukoll illi huwa kien ammetta dan il-fatt u kien gie misjub hati ukoll illi kellu fil-pussess tieghu, dakinhar tas-serqa, arma tan-nar.

Illi xehed Joseph Azzopardi, wiehed mid-Diretturi tal-Mangolian Restaurant u xehed illi dakinhar illi saret is-serqa mill-Mangolian Restaurant ma kienx l-imputat Jonathan Borg illi kellu f'idejh l-arma tan-nar, izda kien ragel iehor u dan l-istess ragel bl-arma f'idejh beda izomm kemm lix-xhud, kif ukoll lill-imputat Borg, milli jitla 'il fuq.

Illi Claudia Bugeja, illi kienet prezenti fil-Penny Lane pharmacy meta saret is-serqa in kwistjoni, xehdet illi l-arma tan-nar kienet f'idejn il-persuna il-qasira u mhux il-persuna it-twila.

Illi irrizulta mill-provi illi l-persuna t-twila illi kienet prezenti meta saret is-serqa minn Penny Lane pharmacy kien l-imputat Jonathan Borg.

Illi fir-rigward ta' l-imputat Jack Walker, gie ippruvat illi s-sehem tieghu fis-serqiet in kwistjoni kien wiehed minimu ferm u anke l-ammont illi ha mis-serqiet in kwistjoni kien jirrifletti s-sehem minimu illi huwa ta f'dawn is-serqiet u ghalhekk il-Qorti tiddikjara illi, fuq konflitt ta' provi, il-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova fil-konfront ta' l-imputati Jonathan Borg u Jack Walker l-akkuzi relatati mal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti, wara illi rat l-Artikoli imsemmija fin-Nota ta' l-Avukat Generali tal-5 ta' Awissu, 2002 qeghda issib lill-imputati Jack Walker u Jonathan Borg hatja tal-ewwel u t-tieni akkuzi migjuba kontra taghhom. Il-Qorti qeghda issib lill-imputat Jonathan Borg hati ukoll tar-raba' u l-hames akkuzi migjuba kontra tieghu. Il-Qorti qeghda tillibera lil Jonathan Borg mit-tielet, mis-sitt akkuzi, kif ukoll mis-sittax u mis-sbatax il-akkuza migjuba kontra tieghu.

Illi fir-rigward ta' l-imputat Walker il-Qorti qeghda tilliberah mit-tielet, is-sittax u s-sbatax il-akkuza migjuba kontra tieghu.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena, l-Qorti rat il-pre-sentencing inquiry report fil-konfront l-ewwel nett ta' l-imputat Jonathan Borg. Illi irrizulta illi dan l-imputat ghadda minn trawma meta miet missieru u huwa kien ghad kellu biss disa' snin. Jirrizulta illi dan l-imputat beda jirribella, ma kellux mohh skola wara li miet missieru u effettivament kellu jigu riferut ghand il-psikologa Mariella Blackman.

Illi fil-prezent l-imputat ghamel kors tal-lingwa Ingliza sabiex ikun jista jghallem studenti barranin u dan ix-xoghol jidher illi huwa ghal qalbu u sejjer tajjeb fih.

Illi l-Uffical tal-Probation kelmet ukoll lill-psikologa Mariella Blackman illi issuggerit illi dan l-imputat ikun segwit minn ufficjal ta' probation sabiex jekk ikun hemm bzonn jigi riferut ghall-sezzjonijiet tal-"counseling". Marietta Lanzon ikkonkludiet fir-relazzjoni taghha illi dan l-ahhar l-atteggjament ta' Jonathan Borg inbidel ghal posittiv u jidher illi illum il-gurnata qieghed jaccetta s-sitwazzjoni tal-mewt ta' missieru u sar aktar posittiv fil-hajja tieghu u fir-rigward ta' ommu.

Illi mir-record ta' l-ETC jirrizulta illi Jonathan Borg dejjem hadem minn mindu ghalaq sittax il-sena. Wara li Jonathan Borg gie akkuzat bir-reati odjerni rega' mar lura fuq il-bank ta' l-iskola u illum il-gurnata qieghed jghallem l-Ingliz l-istudenti barranin. Dan il-fatt minbarra li qed igib stabbilita finanzjarja regolari lilu juri wkoll illi Jonathan qabad direzzjoni tajba. Minhabba li dan ix-xoghol huwa wiehed stagjonali huwa jahdem ukoll fuq bazi irregolari bhala disc jockey. Harsa lejn il-fedina penali ta' Jonathan Borg tixhed illi dan kien l-ewwel u l-uniku reat ta' din ix-xorta tieghu. Jidher ukoll illi Jonathan Borg jinsab konxju hafna ta' l-izball illi ghamel u ghalhekk jirrizulta illi piena ta' prigunerija tista tkun ferm ta' detriment ghall-progress illi jidher illi ghamel Jonathan Borg. Ghalhekk l-Ufficjal tal-Probation irrakkomandat li tinghata ordni ta' probation u

servizz li tinkorpora fiha l-element ta’ probation, kif ukoll l-element ta’ xoghol fil-komunita.

Illi l-Qorti rat umbaghad ir-rapport illi sar fil-konfront ta’ l-imputat Jack Walker.

Illi irrizulta lill-Ufficjal tal-Probation illi Jack Walker dahal f’din l-istorja tal-hold up meta gie imhajjar minn siehbu ghaliex habib taghhom kellu bzonn il-flus. Jidher illi wara li spicca mill-iskola sekondarja Jack Walker ma kellux direzzjoni f’hajtu u spicca jigi influenzat hafna mill-hbieb. Minbarra hekk, kien qed ikollu wkoll problemi ma missieru u b’rizultat ta’ dan kien iqatta hafna hin fl-istabbiliment ta’ zijuh fejn kien jiltaqa ma zghazagh ohra ta’ l-eta tieghu. Jidher li dan il-hin twil li kien iqatta barra d-dar serva ta’ tfixkil ghalih u kien dan iz-zmien fejn xi hbieb hajjruh jiehu sehem maghhom fil-hold up. Mill-informazzjoni migbura minghand il-familja ta’ Jack Walker, jidher illi Jack issa qieghed jiehu hajtu iktar bis-serjeta u qed izomm ruhu okkupat billi sab xoghol, li ghalkemm huwa part time, qieghed izommu impenjat fil-weekends. Minn naha l-ohra fil-familja jidher li qed ikun aktar migbur id-dar u r-relazzjoni ma missieru tjiebet. Jidher ukoll li l-fazi ta’ ribeljoni naqset fih u illum qieghed juri li huwa cittadin aktar responsabbli. Minbarra li Jack jinsab dispjacut ghall-izbalji illi ghamel, huwa dispost li jrodd lura l-flus li ha mis-serqa. Fuq kollox, jidher ukoll illi l-influenza tal-hbieb illum naqset fih u l-fatt illi inqabad flimkien ma shabu kien fattur determinanti sabiex huwa jibdel id-direzzjoni ta’ hajtu.

Illi irrizulta illi f’dawn l-ahhar sena u nofs Jack Walker ma fetahx kaz iehor quddiem il-Qorti. Huwa kien inghata ordni ta’ probation mill-Qorti tal-Magistrati, gie segwit minn ufficjal tal-probation u gie mghejjun jghix hajja ta’ bzulija. Ghalhekk fid-dawl ta’ din l-informazzjoni l-Ufficjal tal-Probation irrakkomandat li piena ta’ prigunerija tista tkun ferm ta’ detriment ghall-progress ta’ Jack Walker u hija irrakkomandat illi Walker jinghata ordni ta’ probation u servizz li tinkorpora fiha kemm l-element ta’ probation, kif ukoll l-element ta’ xoghol fil-kommunita.

Ikkunsidrat :

Illi kemm l-avukati difensuri, kif ukoll l-ufficjal prosekutur irremmettew ruhhom ghar-rapporti ipprezentati mill-ufficjal tal-probation Marietta Lanzon. Il-Qorti tara illi jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghaz-zewg imputati, kif ukoll ghas-socjeta' in generali illi minnha huma jiffurmaw parti illi dawn z-zewg imputati jinghataw l-ahhar opportunita sabiex jirriformaw hajjithom u ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 qeghda tordna illi l-hatja Jonathan Borg u Jack Walker jigu imqeghda taht ordni ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 446 illi permezz taghha ikunu taht is-supervizzjoni ta' ufficjal ta' probation ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum u jitqeghdu wkoll taht ordni ta' servizz lill-kommunita illi permezz taghha huma jridu jaghmlu xoghol bla hlas ghall-perjodu illi fil-kaz ta' Jonathan Borg ghandu jkun ghall-perjodu ta' mitt siegha li jikkonsisti f'xoghol manwali mal-Kunsill Lokali ta' Pembroke skond l-arrangament provvizorji illi saru mill-ufficjal tal-probation Marietta Lanzon u illi fil-kaz tal-imputat Jack Walker l-element ta' xoghol ghandu jkun ghal hamsin siegha li jikkonsisti f'xoghol manwali mal-kunsill lokali ta' Pembroke skond l-arrangament provvizorji illi saru mill-ufficjal tal-probation Marietta Lanzon.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghhom jekk jonqsu milli joqghodu ghall-htigijiet kollha tal-ordnijiet illi ghamlet il-Qorti fir-rigward taghhom u dan ai termini ta' l-Artikolu 21 tal-Kap. 446.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din l-ordni tinghata liz-zewg imputati, kif ukoll lid-Direttur responsabbli ghas-servizzi tal-probation illi ghandu jassenja ufficjal tal-probation sabiex tkun responsabbli ghas-supervizzjoni tal-hatja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------